

Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu sabiex l-isport ikun mezz ta' paċi u djalogu bejn il-kulturi u n-nazzjonijiet, u jippromwovi valuri bħalma huma rispett, solidarjietà u maturità personali.

**Qari:** *Mill-Omelija ta' Papa Leone fil-Ġublew tal-Isport – Ġunju 2025*
L-ewwel nett, f'soċjetà mmarkata mis-solitudni, fejn l-individwaliżmu tal-biża' mexxa l-bariċentru mill-"aħna" għall-"jien", u spiċċajna ninjoraw lill-ieħor, l-isport – speċjalment meta jkun f'tim – jgħallem il-valur tal-kollaborazzjoni, li nimxu flimkien, dak il-qsim flimkien li, kif għidna, hu fil-qalba nfisha tal-ħajja ta' Alla (ara Ġw 16:14-15). Hekk jista' jsir strument importanti ta' rikompożizzjoni u ta' laqgħa bejn il-popli, fil-komunitajiet, fl-ambjenti skolastiċi u tax-xogħol, fil-familji!
It-tieni, f'soċjetà dejjem iżjed diġitali, fejn it-teknoloġiji, imqar jekk iqarrbu persuni mbiegħda, spiss ibiegħdu lil min jinsab qrib, l-isport jivvalorizza l-konkretezza ta' li noqogħdu flimkien, is-sens tal-ġisem, tal-ispazju, tat-taħbit, tal-ħin reali. Hekk, kontra t-tentazzjoni li naħarbu f'dinjiet virtwali, hu jgħinna nżommu kuntatt san man-natura u mal-ħajja konkreta, post li fih inħaddmu biss l-imħabba (ara 1 Ġw 3:18).

Mulej, inti l-Missier tagħna u ħlaqtna biex
inħobbu lil xulxin u biex ngħixu bħala familja.
Mulej Ġesù, meta inti kont tgħix fostna
dejjem kont moħħok fil-bżonnijiet tan-nies,
u xtaqt il-milja tal-ħajja għal kull wieħed minnhom.
Int urejtna kif tkun l-imħabba sinċiera,
kif għandna nieħdu ħsieb xulxin
u kif ngħixu f'komunità.
Urejtna kemm hi kbira l-imħabba tiegħek lejna
meta batejt u tajt ħajtek għalina.
Mulej, aħfrilna kull meta nwarrbu t-tagħlim tiegħek,
meta, flok infittxu dak li jgħaqqadna,
niffukaw fuq dak li jifridna.
Agħtina l-kuraġġ li nimxu fuq il-passi tiegħek
billi ngħinu lil xulxin u ma nħallu lil ħadd fis-solitudni.

Għinna ħalli nkunu konxiji li, minħabba t-teknoloġija,
qegħdin nitbiegħdu minn xulxin u qed ngħixu f'ħajja virtwali.
Nitolbuk, Mulej, sabiex tagħtina l-għerf
biex infittxu attivitajiet li jgħaqqdu, bħalma hu l-isport.
Agħtina d-dehen biex nagħrfu li l-isport jista' jkun strument importanti
li jlaqqagħna flimkien, fejn nitgħallmu nikkollaboraw
u nimxu flimkien, u naqsmu l-ferħ u t-tbatija flimkien.
Fuq kollox, Mulej, għinna nirrealizzaw li, kif qal Papa Leone,
*l-isport, bil-lingwa universali tiegħu ta' fraternità,*
*jista' jkun mezz ta' inklużjoni u paċi,*
*kif ukoll jippromwovi valuri bħal fraternità, solidarjetà u paċi.*
Għin lil dawk li jipprattikaw l-isport, anke f'livelli kompetittivi,
sabiex huma jaraw fl-isport, mhux sempliċiment kompetizzjoni,
iżda l-valuri li jippromwovi, bħar-rispett,
is-solidarjetà, il-fraternità u t-tkabbir personali.
Agħti l-għajnuna lill-ispettaturi tal-isport
biex huma wkoll jirrispettaw lil dawk
li jissapportjaw xi tim ieħor, u biex iwarrbu l-firda,
huma hu juru lid-dinja li l-isport jista' jippromwovi
u jkun mezz għas-sliem, għall-għaqda u għad-djalogu
bejn il-kulturi u n-nazzjonijiet.

**KANT**

**Qari**: *Mill-Omelija ta' Papa Leone fil-Ġublew tal-Isport – Ġunju 2025*

L-isport jista' jgħinna niltaqgħu ma' Alla Trinità: għax jitlob moviment tal-jien lejn l-ieħor, ċertament esterjuri, imma anki, u fuq kollox, interjuri. Mingħajr dan, jirriduċi ruħu għal kompetizzjoni sterili ta' egoiżmi.

Ejjew naħsbu f'espressjoni li, fil-lingwa Latina, tintuża komunement biex tinċita lill-atleti waqt il-kompetizzjonijiet: l-ispettaturi jgħajtu: "Dai!". Forsi ma nagħtux kas, imma dan hu imperattiv mill-isbaħ: huwa l-imperattiv tal-verb "tagħti". U dan jista' jgħinna nirriflettu: hawn wieħed mhux biss qed jagħti prestazzjoni fiżika, forsi straordinarja, imma qed jagħti lilu nnifsu, "jilgħab lilu nnifsu".

Ifisser li wieħed jingħata għall-oħrajn – biex jikber hu, dawk li jsostnuh, l-għeżież tiegħu, dawk li jħarrġuh, il-kollaboraturi, il-pubbliku, imqar l-avversarji – u, jekk aħna tassew sportivi, dan għandu siwi lil hemm mir-riżultat. San Ġwanni Pawlu II – li, kif nafu, kien sportiv – hekk kien jitkellem dwar dan: "L-isport huwa ferħ tal-ħajja, logħob, festa, u bħala tali għandu jiġi vvalorizzat […] billi nirkupraw il-gratwità tiegħu, il-kapaċità tiegħu li joħloq rabtiet ta' ħbiberija, li jiffavorixxi d-djalogu u l-ftuħ lejn xulxin, […] 'il fuq mil-liġijiet ibsin tal-produzzjoni u tal-konsum u ta' kull kunsiderazzjoni oħra purament utilitaristika u edonistika tal-ħajja". (Omelija għall-Ġublew tal-isportivi, 12 ta' April 1984)

Mulej, qed ngħixu f'dinja fejn l-egoiżmu qed jispikka dejjem iżjed.
Agħtina d-dehen, Mulej, sabiex nagħrfu
li qbadna triq ħażina, li hemm bżonn naħsbu fl-oħrajn.
Għinna sabiex nifhmu li, permezz tal-isport, nistgħu nitgħallmu
l-valur tal-kooperazzjoni, tal-ħidma flimkien u tal-qsim.
Għinna nifhmu li l-isport jista' isir mezz importanti
ta' rikonċiljazzjoni u ġabra:
laqgħa bejn il-popli u fi ħdan il-komunitajiet,
l-iskejjel, il-postijiet tax-xogħol u l-familji.
Għinna, Mulej, sabiex inħarsu lejn l-isport
bħala mezz biex tinbena l-paċi,
għax huwa post ta' tagħlim u *training ground*
ta' ġustizzja u rispett lejn l-oħrajn,
u jqajjem kultura ta' għaqda u ħbiberija.
B'hekk, l-isport jikkontribwixxi
għall-iżvilupp personali u jservi l-ġid komuni.
Mulej, għin lill-isportivi biex, permezz tal-ħidma tagħhom fit-tim,
huma jesperjenzaw rabta u ħbiberija ma' sħabhom tat-tim.
Agħtihom l-għajnuna tiegħek sabiex
huma ma jiffokawx fuqhom infushom,
iżda jifhmu li huma parti minn grupp
li qed jaħdem għal għan komuni.
Għinhom ħalli jagħrfu kif tassew ikunu membri tat-tim
u biex, bħala membri fi klabb sportiv, jirrifjutaw kull forma
ta' egoiżmu u iżolament.

Għinhom ukoll sabiex jieħdu l-opportunità
jiltaqgħu u jkunu mal-oħrajn, biex jgħinu lil xulxin,
u biex juru rispett reċiproku ħalli b'hekk tikber il-ħbiberija.
Fuq kollox, nitolbuk, Mulej, biex l-isport jinħeles mill-kummerċjalizzazzjoni
żejda ħalli b'hekk isir dejjem aktar strument ta' għaqda u paċi f'kull pajjiż.

**KANT**

**Nitolbu flimkien**

Mulej, nitolbuk sabiex, permezz tat-taħriġ tal-isport, l-atleti jibnu karattru rett u xieraq. Nitolbuk tgħinhom biex bil-kompetittività sportiva jfittxu u jiċċelebraw dak li hu l-aħjar u eċċellenti fil-ħiliet kollha tal-bniedem.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, għin lill-isportivi sabiex jirrealizzaw li, permezz tal-isport, jitgħallmu jsiru jafu lil ġisimhom mingħajr ma jidolizzawh, sabiex jagħrfu jikkontrollaw l-emozzjonijiet tagħhom, sabiex jikkompetu mingħajr ma jitilfu s-sens ta' fraternità, u biex jaċċettaw it-telfa mingħajr disperazzjoni u r-rebħa mingħajr arroganza.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk, Mulej, sabiex tagħtina d-dehen biex nifhmu li l-isport hu mod biex bih tinbena l-paċi għax, kif qal Papa Leone, l-isport *hu skola ta' rispett u lealtà li sseddaq il-kultura tal-għaqda u tal-fratellanza.*

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk, għin lil dawk kollha li jsegwu xi tip ta' sport biex iħarsu lejn l-isport bħala mezz li bih wieħed jitgħallem li s-suċċess veru jitkejjel mill-kwalità tar-relazzjonijiet u mhux mill-ammont ta' premjijiet, kif ukoll mir-rispett reċiproku u fil-ferħ li jaqsmu flimkien waqt il-logħob.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk, Mulej, skont l-intenzjoni tal-Papa għal dan ix-xahar, sabiex l-isport ikun mezz ta' paċi u djalogu bejn il-kulturi u n-nazzjonijiet, u jippromwovi valuri bħalma huma r-rispett, is-solidarjietà u l-maturità personali.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.